MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2011

Numru. 734/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**vs**

**Rodney Camilleri ta' 25 sena, iben Grazio u Maria Teresa nee` Fenech, imwieled Pieta` nhar id-19.09.1985 u residenti No. 9, Triq l-Isqof Scicluna, Qormi, detentur tal-karta ta' 469585(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat Jonathan Seychell li gie akkuzat talli:

1. Gewwa Triq l-Imdina Hal-Qormi, fil-lejl ta' bejn it-18 u d-19 ta' Gunju 2011, ikkommetta serq ta' car stereo ta' l-ghamla Kenwood u zewg nuccjalijiet tax-xemx minn vettura tal-ghamla Toyota Corolla bin-numru ta'

registrazzjoni FBD-549. Liema serq huwa aggraavat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccedix 2, 329.37 euro, u dan ghad-dannu ta' Omar Pisani u/jew xi nies ohra;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkommetta serq ta' (*car DVD player*) minn vettura ta' l-ghamla Toyota Vitz bin-numru ta' registrazzjoni MLD-160, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi 232.94 euro izda ma jeccedix 2,329.37 euro, u dan ghad-dannu ta' Reno Merciea u/jew xi nies ohra;

3. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe hsara fl-imsemmija vettura bin-numru ta' registrazzjoni MLD-160 liema ammont tal-hsara tiskorri 116.47 euro izda li ma tiskorrix 1,164.69 euro u dan ghad-dannu ta' Reno Mercieca u/jew xi nies ohra;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali tieghu li mhix xi wahda allarmanti izda tindika illi l-imputat ghandu problema tal-vizzju tad-droga u li ghandu bzonn jindirizzaha minnufih. Il-Qorti fil-fatt ser tiehu in konsiderazzjono principalment dina l-problema meta tigi biex tinfliggi l-piena. Inoltre inoltre jidher illi li l-oggetti misruqa ser jigu ritornati lil sidhom.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 325(1)b), 261(b(f)(g)(c), 267, 263, 270 u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b-applikazzjoni ta’ l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tqieghed lil hati taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din l-Ordni ta’ Probation jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi kondizzjoni imposta mieghu f’din l-ordni jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi ordni mghotija lili mill-Ufficjal tal-Probation.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------